PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

4.12.2007 PE398.472v01-00

EMENDI 14-46

Abbozz ta' rapport **(PE396.754v01-00)**
Michael Cashman
Proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 168/2007 fir-rigward ta' l-adozzjoni ta' Qafas Multiannwali għall-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għall-2007-2012

Proposta għal deċiżjoni (COM(2007)0515 – C6-0322/2007 – 2007/0189(CNS) – att li jemenda)

Test propost mill-Kummissjoni	Emendi mill-Parlament

Emenda minn Magda Kósáné Kovács

Emenda 14
Premessa 2

(2) Il-Qafas għandu jinkludi l-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata fost l-oqsma tematiċi ta' l-attività ta' l-Aġenzija.	(2) Il-Qafas għandu jinkludi l-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata fost l-oqsma tematiċi ta' l-attività ta' l-Aġenzija***, u l-ħarsien tad-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għal minoranzi etniċi jew nazzjonali***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Premessa (10) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tindika mhux biss ir-razziżmu u l-ksenofobija u l-intolleranzi marbuta magħhom li għandhom jiġu inklużi fil-programm permanenti ta' l-Aġenzija imma wkoll il-ħarsien tad-drittijiet ta' persuni li jagħmlu sehem minn minoranzi.

Emenda minn Magda Kósáné Kovács

Emenda 15
Premessa 6 a (ġdida)

(6a) Fid-dawl tad-Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar l-oqsma ta' koperazzjoni tal-pulizija u l-ġudikatura fi kwistjonijiet kriminali (Titolu VI tat-Trattat ta' l-UE) l-istituzzjonijiet ta' l-UE u l-Istati Membri jistgħu, skond il-każ u fuq bażi volontarja, jagħmlu użu mill-kompetenza ta' l-Aġenzija f'dawk l-oqsma wkoll.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Kunsill ma laqax il-proposta tal-Kummissjoni biex l-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali tingħatalha s-setgħa li twettaq l-attivitajiet tagħha fl-oqsma msemmija fit-Titolu VI tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea; madankollu, il-Kunsill adotta dikjarazzjoni li tagħti l-opportunità lill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jitolbu lill-Aġenzija toffri l-kompetenza tagħha f'dawn l-oqsma wkoll.

Emenda minn Sophia in 't Veld

Emenda 16
Premessa 7 a (ġdida)

(7a) Hu meħtieġ li jiġi żgurat li jkun hemm konformità min-naħa ta' l-istituzzjonijiet ta' l-UE u l-Istati Membri kollha mal-konvenzjonijiet internazzjonali kollha tad-drittijiet tal-bniedem.

Or. en

Emenda minn Kinga Gál
Emenda 17
Artikolu 1 a (ġdid)

Artikolu 1a
Kompiti

L-Aġenzija tista' tifformola u tippubblika konklużjonijiet u opinjonijiet fuq l-oqsma tematiċi li m'humiex koperti mill-Artikolu 2 meta jkun hemm ċirkostanzi eċċezzjonali u indiskutibbli.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex ikun hemm konsistenza mal-kontenut ta' Emenda 7 tar-rapporteur, li biha l-Aġenzija tista' taċċetta kompiti f'oqsma tematiċi li ma jkunux koperti mill-paragrafu 2, hu meħtieġ li dan jerġa' jissemma taħt is-subintestatura "Kompiti".

Emenda minn Marco Cappato, Ignasi Guardans Cambó

Emenda 18
Artikolu 1 a (ġdid)

Artikolu 1a
Tixrid ta' informazzjoni fuq id-drittijiet tal-bniedem
L-Aġenzija għandha xxerred informazzjoni u dejta rilevanti, oġġettiva, affidabbli u komparabbli, inklużi r-riżultati tar-riċerka u l-attivitajiet ta' monitoraġġ li jgħaddulha l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet, l-organi, l-uffiċċji u l-aġenziji ta' l-UE, kif ukoll iċ-ċentri ta' riċerka, l-organi nazzjonali, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u, b'mod partikolari, l-organi kompetenti tal-Kunsill ta' l-Ewropa filwaqt li titqies kif jixraq il-ħidma ta' l-organi tad-drittijiet tal-bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti fl-oqsma rilevanti għall-obbligi internazzjonali ta' l-Istati Membri.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-esperjenza wriet li hemm potenzjal qawwi fit-tisħiħ reċiproku ta' l-attivitajiet dwar id-drittijiet tal-bniedem bejn l-organi Ewropej tad-drittijiet tal-bniedem u dawk tan-Nazzjonijiet Uniti, u li l-għarfien ta' l-iżviluppi u l-pożizzjonijiet ta' l-organi tan-Nazzjonijiet Uniti jagħti l-possibilità lill-Aġenzija li tgħin lill-Istati Membri biex iwettqu l-obbligi kollha kemm huma

tagħhom dwar id-drittijiet tal-bniedem b'mod koerenti. Dan jista' wkoll isaħħaħ l-effikaċja ta' l-organi tan-NU għad-drittijiet tal-bniedem.

Emenda minn Marco Cappato, Ignasi Guardans Cambó

Emenda 19
Artikolu 2, parti introduttiva

L-oqsma tematiċi ***għandhom ikunu s-segwenti:***	***Fil-ħidma tagħha fl-***oqsma tematiċi ***li ġejjin, l-Aġenzija għandha tara li tidentifika l-fatturi ekonomiċi, soċjali u kulturali li jikkontribwixxu għar-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem f'dawk l-oqsma jew li jistgħu jkunu l-għerq ta' kull ksur tad-drittijiet tal-bniedem:***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem b'mod effettiv, inkluż bil-promozzjoni ta' l-ugwaljanza u bil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, jeħtieġ l-għarfien tal-fatturi ekonomiċi, soċjali u kulturali li jippermettu li d-drittijiet jitgawdew kif ukoll l-azzjoni biex jiġu indirizzati dawk il-fatturi li jistgħu jkunu l-għerq tal-kawżi tal-ksur.

Emenda minn Magda Kósáné Kovács

Emenda 20
Artikolu 2, point (a)

a) ir-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata;	a) ir-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata ***kif ukoll il-ħarsien tad-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għal minoranzi etniċi jew nazzjonali;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ara l-ġustifikazzjoni ta' Emenda 14.

Emenda minn Tatjana Ždanoka

Emenda 21
Artikolu 2, point (a)

a) ir-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata;	a) ir-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata, ***kif ukoll ir-rispett għad-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għal minoranzi, fosthom ir-Roma;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rispett għad-drittijiet tal-persuni li jagħmlu sehem minn minoranzi huwa valur fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea. Dak li ġara dan l-aħħar fl-Italja juri li dan ir-rispett għandu jkun ta' prijorità. L-istrateġija formali kontra d-diskriminazzjoni ma twassalx bilfors għal ugwaljanza sħiħa u effettiva.

Emenda minn Tatjana Ždanoka

Emenda 22
Artikolu 2, punt (b)

b) id-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età ***jew*** l-orjentament sesswali jew immirata lejn persuni li jappartjenu għal minoranzi;	b) id-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentament sesswali, ***l-oriġini soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, l-opinjoni politika jew ta' xort'oħra, il-proprjetà, it-twelid, in-nazzjonalità*** jew ***is-sħubija ta'*** minoranzi ***u kull kombinazzjoni ta' dawn ir-raġunijiet (diskriminazzjoni multipla)***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Recital 9 of the Council Regulation (EC) No 168/2007 of 15 February 2007 establishing a European Union Agency for Fundamental Rights stipulates that the Agency should refer in its work to fundamental rights as reflected in particular in the Charter of Fundamental Rights. Article 21 of the Charter contains wider list of prohibited grounds than Article 13 of the Treaty establishing the European Community. Therefore full list of grounds should be reproduced.

It is important that the Agency analyses and looks in detail at the notion of multiple discrimination. People cannot easily be categorised into different groups of society. Often, people find themselves discriminated against and are unsure as to the precise reason or reasons why.

Emenda minn Kinga Gál

Emenda 23
Artikolu 2, punt (b)

b) id-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentament sesswali jew immirata lejn persuni li jappartjenu għal minoranzi;	b) id-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentament sesswali jew immirata lejn persuni li jappartjenu għal minoranzi ***nazzjonali u lingwistiċi tradizzjonali u kull kombinazzjoni ta' dawn ir-raġunijiet (diskriminazzjoni multipla)***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tipi l-oħrajn kollha ta' minoranzi huma koperti mill-enumerazzjoni fl-ewwel parti tas-sentenza, ħlief għall-minoranzi nazzjonali u lingwistiċi tradizzjonali. Hu importanti ħafna li dan in-nuqqas jissewwa.

Emenda minn Mary Lou McDonald, Bairbre de Brún

Emenda 24
Artikolu 2, punt (b)

b) id-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentament sesswali jew immirata lejn persuni li jappartjenu għal minoranzi;	b) id-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, ***il-lingwa***, id-diżabilità, l-età jew l-orjentament sesswali jew immirata lejn persuni li jappartjenu għal minoranzi ***u kull kombinazzjoni ta' dawn ir-raġunijiet (diskriminazzjoni multipla)***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex ikun hemm konsistenza ma' l-Artikolu 21.1 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li jinkludi d-diskriminazzjoni bejn il-lingwi, il-lingwa għandha tidħol f'din il-klawsola.

Emenda minn Adamos Adamou

Emenda 25
Artikolu 2, punt (b)

b) id-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentament sesswali jew immirata lejn persuni li jappartjenu għal minoranzi;	b) id-diskriminazzjoni bbażata fuq ***l-oriġini u l-istatus soċjali***, is-sess ***u/jew il-ġeneru***, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin ***jew l-ideat***, id-diżabilità, l-età jew l-orjentament sesswali jew immirata lejn persuni li jappartjenu għal minoranzi ***u kull kombinazzjoni ta' dawn ir-raġunijiet (diskriminazzjoni multipla)***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-esklużjoni soċjali tqanqal tħassib kemm għal bosta gruppi ta' interess u NGOs kif ukoll għall-istituzzjonijiet ta' l-UE u hija inkluża fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Għalhekk, billi l-esklużjoni soċjali tista' tirriżulta mid-diskriminazzjoni minħabba l-istatus soċjali, għandha tkun inkluża. Imma aktar lil hinn mid-definizzjoni ta' l-esklużjoni soċjali, id-diskriminazzjoni bbażata fuq l-istatus soċjali hija wkoll forma dominanti ta' diskriminazzjoni li għandha tiġi rispettata u trattata, ukoll minħabba l-konsistenza mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (kapitlu 3).

Emenda minn Sophia in 't Veld

Emenda 26
Artikolu 2, punt (c)

c) il-kumpens tal-vittmi, il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-aspetti relatati relevanti għas-sigurtà taċ-ċittadini;	***imħassar***

Or. en

Emenda minn Adamos Adamou

Emenda 27
Artikolu 2, punt (c)

c) il-kumpens tal-vittmi, il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-aspetti relatati relevanti għas-sigurtà ***taċ-ċittadini***;	c) il-kumpens tal-vittmi, il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-aspetti relatati relevanti għas-sigurtà ***ta' l-individwi***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-terminu "ċittadini" għandha jiġi sostitwit b'"individwi" sabiex jirrifletti l-obbligu ta' l-Unjoni u ta' l-Istati Membri dwar id-drittijiet tal-bniedem li jħarsu lill-persuni kollha fil-ġurisdizzjoni tagħhom, hi xinhi n-nazzjonalità tagħhom. Barra minn hekk, it-terminu "individwi" jassigura d-drittijiet fundamentali ta' gruppi speċjali bħal dawk li jżuru jew jiġu joqogħdu b'mod temporanju fl-Unjoni jew dawk bla saqaf.

Emenda minn Magda Kósáné Kovács

Emenda 28
Artikolu 2, punt (c a) (ġdid)

	(ca) id-drittijiet soċjali;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-drittijiet soċjali għandhom sehem importanti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u fil-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini Ewropej; għalhekk dan il-punt għandu jiżdied mal-Qafas Multiannwali.

Emenda minn Sophia in 't Veld

Emenda 29
Artikolu 2, punt (g)

g) il-viżi u l-kontroll tal-fruntieri;	***imħassar***

Or. en

Emenda minn Ioannis Varvitsiotis

Emenda 30
Artikolu 2, punt (c)

(c) il-kumpens ***tal-***vittmi, il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-aspetti relatati relevanti għas-sigurtà taċ-ċittadini;	(c) ***id-drittijiet, l-appoġġ u l-***kumpens ***għall-***vittmi, il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-aspetti relatati rilevanti għas-sigurtà ***tal-persuni, inklużi l-vittmi tal-kummerċ tal-bnedmin***;

Or. el

Ġustifikazzjoni

Ma jistax ikun hemm sigurtà fl-Unjoni Ewropea jekk din tingħata biss liċ-ċittadini u mhux lil kull persuna residenti fit-territorju ta' l-UE. Barra minn hekk, il-kummerċ tal-bnedmin, li hi kwistjoni ta' tħassib kbir għall-Parlament Ewropew, aktarx li jolqot persuni li m'humiex ċittadini ta' l-UE.

Emenda minn Sophia in 't Veld

Emenda 31
Artikolu 2, punt (h)

h) il-parteċipazzjoni fil-funzjonament demokratiku ta' l-Unjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda minn Tatjana Ždanoka

Emenda 32
Artikolu 2, punt (i)

i) il-kwistjonijiet tad-drittijiet ***tal-bniedem*** li jirrigwardaw is-soċjetà ta' l-informazzjoni***;*** kif ukoll	i) il-kwistjonijiet tad-drittijiet ***fundamentali***, ***il-ħarsien tal-privatezza, b'mod partikolari tad-dejta personali*** li jirrigwardaw is-soċjetà ta' l-informazzjoni kif ukoll ***il-ġlieda kontra l-kriminalità fuq l-internet;***

Or. en

Emenda minn Sophia in 't Veld

Emenda 33
Artikolu 2, punt (j a) (ġdid)

ja) il-privatezza u l-ħarsien tad-dejta personali;

Or. en

Emenda minn Tatjana Ždanoka

Emenda 34
Artikolu 2, punt (i a) (ġdid)

ia) il-kwistjonijiet tad-drittijiet fundamentali marbuta ma' l-azzjonijiet u l-politiki kontra t-terroriżmu;

Or. en

Emenda minn Ioannis Varvitsiotis

Emenda 35
Artikolu 2, punt (j)

(j) l-aċċess għal ġustizzja effiċjenti u indipendenti.	(j) l-aċċess għal ġustizzja effiċjenti u indipendenti ***wkoll għal dak li jirrigwarda d-drittijiet ta' persuni akkużati u suspettati***.

Or. el

Ġustifikazzjoni

Huwa ta' importanza kbira li jissemmew b'mod speċifiku d-drittijiet ta' persuni bħal dawn għad-dehra ta' l-UE bħala "Komunità mibnija fuq il-liġi".

Emenda minn Tatjana Ždanoka

Emenda 36
Artikolu 2, punt (j)

j) l-aċċess għal ġustizzja effiċjenti u indipendenti.	j) ***id-drittijiet indaqs għal kulħadd quddiem il-liġi,*** l-aċċess għal ġustizzja effiċjenti u indipendenti***, b'mod partikolari, id-drittijiet ta' l-akkużat u d-drittijiet ta' proċedura;***

Or. en

Emenda minn Stavros Lambrinidis

Emenda 37
Artikolu 2, punt (j)

(j) l-aċċess għal ġustizzja effiċjenti u indipendenti.	(j) l-aċċess għal ġustizzja effiċjenti u indipendenti, ***għal dak li jirrigwarda d-drittijiet ta' persuni akkużati u suspettati***.

Or. el

Emenda minn Íñigo Méndez de Vigo

Emenda 38
Artikolu 2, punt (j a) (ġdid)

ja) faqar kbir u esklużjoni soċjali.

Or. es

Ġustifikazzjoni

La pobreza extrema constituye une violación de los derechos humanos y una afrenta intolerable a la dignidad humana (Résolution du 04.10.2001, PE doc.B5-0616, 0627, 0635, 0644 et 0654/2001). No es posible ignorar la realidad de millones de europeos que no tienen un acceso real a los derechos fundamentales a causa de la pobreza extrema en la que son condenados a vivir. Esto se apoya en los siguientes textos legales: art 21y 34 Carta de Derechos Fundamentales de la Unión Europea; art 30 de la Carta Social Europea Revisada; "Informe sobre los derechos humanos y la pobreza extrema", del Sr.Leandro Despouy 1996 para Commision de Derechos Humanos de la ONU; Definición de pobreza extrema dada por Joseph Wresinski en el Informe del Consejo Económico y Social (Francia, febrero 1987); Resolución de la Sub Comision por la Promoción y la protección des los Derechos Humanos de la ONU, agosto 2006 "Los Principios Directores: pobreza extrema y derechos humanos".

Emenda minn Martine Roure

Emenda 39
Artikolu 2, punt (j a) (ġdid)

ja) id-drittijiet soċjali, b'mod partikolari d-dritt għall-impjieg u għall-akkomodazzjoni.

Or. fr

Emenda minn Ioannis Varvitsiotis

Emenda 40
Artikolu 2, punt (j a) (ġdid)

(ja) id-drittijiet soċjali, l-aktar dawk dwar l-impjieg

Or. el

Ġustifikazzjoni

Huwa ta' importanza kbira wkoll li jissemmew b'mod speċifiku dawn id-drittijiet għad-dehra ta' l-UE.

.

Emenda minn Stavros Lambrinidis

Emenda 41
Artikolu 2, punt (j a) (ġdid)

(ja) id-drittijiet soċjali, l-aktar dawk dwar l-impjieg

Or. el

Emenda minn Stavros Lambrinidis

Emenda 42
Artikolu 2, punt (j b) (ġdid)

(jb) l-ugwaljanza ta' l-irġiel u n-nisa bħala għan orizzontali fl-oqsma tematiċi kollha

Or. el

Emenda minn Sophia in 't Veld

Emenda 43
Artikolu 2, punt (j b) (ġdid)

(jb) l-omofobija u l-vjolenza omofobika;

Or. en

Emenda minn Adamos Adamou

Emenda 44
Artikolu 3, paragrafu 3

L-Aġenzija għandha tittratta l-kwistjonijiet li jirrigwardaw id-diskriminazzjoni ***bbażata fuq is-sessi*** biss bħala parti mix-xogħol tagħha, li għandu jsir fuq kwistjonijiet ġenerali ta' diskriminazzjoni msemmija fl-Artikolu 2 punt (b), u safejn relevanti għalih, filwaqt li tieħu in kunsiderazzjoni li l-għanijiet globali ta' l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1922/2006 għandu jkun li jikkontribwixxi għal u jsaħħaħ il-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi, inkluż il-*gender mainstreaming* fil-politika kollha tal-Komunità u l-politika nazzjonali li tirriżulta minnhom, u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni ***bbażata fuq is-sessi*** u li jqajjem kuxjenza fost iċ-ċittadini ta' l-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi billi jipprovdi għajnuna teknika lill-istituzzjonijiet tal-Komunità, b'mod partikolari l-Kummissjoni u l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri.	L-Aġenzija għandha tittratta l-kwistjonijiet li jirrigwardaw id-diskriminazzjoni ***bejn is-sessi u/jew il-ġeneru*** biss bħala parti mix-xogħol tagħha, li għandu jsir fuq kwistjonijiet ġenerali ta' diskriminazzjoni msemmija fl-Artikolu 2 punt (b), u safejn relevanti għalih, filwaqt li tieħu in kunsiderazzjoni li l-għanijiet globali ta' l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1922/2006 għandu jkun li jikkontribwixxi għal u jsaħħaħ il-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi, inkluż il-*gender mainstreaming* fil-politika kollha tal-Komunità u l-politika nazzjonali li tirriżulta minnhom, u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni ***bejn is-sessi u/jew il-ġeneru*** u li jqajjem kuxjenza fost iċ-ċittadini ta' l-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi billi jipprovdi għajnuna teknika lill-istituzzjonijiet tal-Komunità, b'mod partikolari l-Kummissjoni u l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sex is used by some to refer to biological traits while gender may be thought of referring to social/cultural ones. Therefore, gender also depends on the society in which on lives and subsequently gender discrimination denotes a more socially oriented approach which takes into consideration not only biological traits but also the socially and culturally induced conceptions of people who may either be transsexuals or are discriminated not because of their sex but on the basis of their gender. The amendment is thus, included to avoid possible etymological and ensure fundamental rights for both sexes and all genders.

Emenda minn Stavros Lambrinidis

Emenda 45
Artikolu 3, paragrafu 3

3. L-Aġenzija għandha tittratta l-kwistjonijiet li jirrigwardaw ***id-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sessi biss bħala parti mix-xogħol tagħha, li għandu jsir fuq kwistjonijiet ġenerali ta' diskriminazzjoni msemmija fl-Artikolu 2 punt (b), u safejn relevanti għalih,*** filwaqt li tieħu in kunsiderazzjoni li l-għanijiet globali ta' l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1922/2006 għandu jkun li jikkontribwixxi għal u jsaħħaħ il-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi, inkluż il-*gender mainstreaming* fil-politika kollha tal-Komunità u l-politika nazzjonali li tirriżulta minnhom, u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sessi u li jqajjem kuxjenza fost iċ-ċittadini ta' l-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi billi jipprovdi għajnuna teknika lill-istituzzjonijiet tal-Komunità, b'mod partikolari l-Kummissjoni u l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri.	3. L-Aġenzija għandha tittratta l-kwistjonijiet li jirrigwardaw ***l-ugwaljanza ta' l-irġiel u n-nisa bħala suġġett u għan orizzontali, b'konformità ma' l-Artikolu 3, paragrafu 2, tat-Trattat u r-Regolament (KE) Nru 168/2007***, filwaqt li tieħu in kunsiderazzjoni li l-għanijiet globali ta' l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1922/2006 għandu jkun li jikkontribwixxi għal u jsaħħaħ il-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi, inkluż il-*gender mainstreaming* fil-politika kollha tal-Komunità u l-politika nazzjonali li tirriżulta minnhom, u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sessi u li jqajjem kuxjenza fost iċ-ċittadini ta' l-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi billi jipprovdi għajnuna teknika lill-istituzzjonijiet tal-Komunità, b'mod partikolari l-Kummissjoni u l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri.

Or. el

Emenda minn Adamos Adamou

Emenda 46
Artikolu 3, paragrafu 4 a (ġdid)

4a. Il-Qafas Multiannwali ta' l-Aġenzija fl-ebda ċirkostanza m'għandu jdgħajjef jew idur madwar il-ħidma tal-Kunsill ta' l-Ewropa u d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali hija aġenzija u mhix istituzzjoni. Għalhekk, għandu jiġi żgurat li l-Aġenzija tikkomplementa l-irwol tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u li l-awtorità tagħha ma ddgħajjifx jew iddur madwar dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.